# ERBA' KWALITAJIET TA' QIMA

## INTRODUZZJONI

A. Il-bniedem hu minn natura kreatura li jqim. Kull fejn hu għamel storja hu ta' qima lil xi ħaġa.

1. Fl-artijiet kollha, fiż-żminijiet kollha, bil-Bibbja u mingħajrha, kull fejn il-bniedem għex fuq l-art, hemm kien hemm ġewwa fih l-idea tal-qima.

B. Il-Bibbja mhix imfassla biex tgħallem lill-bniedem *ħalli* jqim jew jadura, imma *lil xhiex* u *kif* hu għandu jadura.

1. Il-kelma "qima" tinsab 190 darba fil-Bibbja, imma f'ebda wieħed minn dawn il-passaġġi li fihom tinsab din il-kelma, ma Alla ta l-kmand dirett biex inqimu. (Mattew 4:10; Rivelazzjoni 19:10; 22:9).
2. Fil-passaġġi ta' fuq ma hemm ebda kmand dirett biex inqimu, imma kmand biex nagħmlu 'l Alla tas-smewwiet l-oġġett veru tal-qima tagħna.

C. Hemm erba' kwalitajiet ta' qima msemmija fit-Testment il-Ġdid:

1. *Qima Fiergħa* (Mattew 15:9).
2. *Qima fl-Injoranza* (Atti 17:23).
3. *Qima Volontarja* (Kolossin 2:23).
4. *Qima Tassew* (Ġwanni 4:21-24).

## I. QIMA FIERGĦA – Mattew 15:2-3, 8-9

A. Il-mistoqsija li l-iskribi u l-Fariżej staqsew lil Ġesù,

"*Dan il-għala d-dixxipli tiegħek jiksru t-tradizzjonijiet ta' missirijiethom?*" (vers 2).

1. "*It-tradizzjonijiet ta' missirijiethom,*" issinjifikaw l-użanzi reliġjużi jew preċetti li kienu mogħtija 'l isfel minn ġenerazzjoni għall-ġenerazzjoni fost il-Lhud.
   a. Dawn it-tradizzjonijiet kienu meqjusa bħala egwali fil-qdusija mal-liġi miktuba.
   b. Il-Lhud għallmu li meta Mosè kien fuq il-Muntanja Sinaj, żewġ settijiet ta' liġijiet kienu mogħtija lilu; wieħed, huma qalu, kien irreġistrat u li kkostitwixxa l-Pentatewku; l-ieħor kien mogħti 'l isfel mill-missier għal l-iben, minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni. Huma kienu jemmnu li Mosè qabel ma miet ta din il-liġi ta' tradizzjonijiet lil Ġożwè; Ġożwè lil l-Imħallfin; huma lill-Profeti, biex b'hekk din

kienet miżmuma safja sakemm kienet irreġistrata fit-Talmund Lhudi.

c. Dawn it-tradizzjonijiet kienu sfurzati fuq in-nies, u l-kastig għall-ksur tagħhom kien iebes daqs il-kastig għall-ksur talliġi miktuba.

2. Il-Fariżej kienu osservaw li d-dixxipli ta' Ġesù ma kinux ħaslu jdejhom meta huma kielu l-ħobż. It-tradizzjoni tagħhom qalet li dak li jiekol il-ħobż b'idejn mhux maħsula huwa ħażin daqs li kieku kellu jikkommetti fornikazzjoni."

B. Imma Ġesù għamel distinzjoni bejn it-tradizzjonijiet tagħhom u l-Kelma ta' Alla, u wieġeb għall-mistoqsija tagħhom billi staqsa,

"*U intom il-għala tiksru l-kmandament ta' Alla minħabba t-tradizzjonijiet tagħkom?*" (Vers 3).

1. B'hekk Ġesù wera li l-Kelma ta' Alla għandha tinżamma sagra fuq il-ħwejjeġ kollha. It-tradizzjonjiet tagħhom kienu l-kliem tal-bnedmin, imma l-liġi ta' Mosè kienet il-Kelma ta' Alla.

C. Għalhekk Ġesù ddikjara l-qima tagħhom li kienet "*fiergħa*" (vs 8-9).

1. "*Fiergħa*" tfisser "vojta, bla siwi, bla frott, bla rispett, mingħajr qawwa jew effikaċja (riżultati tajbin).

2. Kif il-qima tagħhom kienet "fiergħa"? Huma biddlu l-kmandamenti tal-bnedmin minflok il-kmandamenti ta' Alla.

   a. Li taħsel l-idejn kien ta' bla ebda ħsara u ta' min jirrikmandah. Dan ma ndaħal ma ebda parti tal-kmandi ta' Alla; madankollu meta kien miżjud bħala rit reliġjuż dan kien fieragħ u bla siwi.

   b. Huwa dnub ta' preżunzjoni li żżid xi ħaġa għas-servizz ta' Alla, tkun kemm tkun ta' bla ħsara jew tajba f'għajnejna. Din tkun qed tikser il-prerogattivi leġislattivi ta' Alla. Il-parti ta' Alla hija li jagħti l-kmand; id-dmir tal-bniedem hu li jobdih.

D. Għalhekk, kull darba li l-bnedmin jagħmlu bħala att reliġjuż dak li Alla ma kienx ikmanda dak l-att isir qima "fiergħa."

Ftit eżempji moderni:

1. Tgħodd iż-żibeċ fit-talb (Rużarju).
2. Magħmudija tat-trabi.
3. Mużika strumentali fil-qima.
4. Inċens fil-qima
5. Statwi

## II. QIMA FL-INJORANZA – Atti 17:23-27, 30-31

A. "*Jiena sibt artal b'din il-kitba fuqu, 'Lil Alla Mhux Magħruf'*" (Vers 23).

1. Waqt li huma waqqfu artali għal l-allat li ġnus oħra kienu jagħtuhom qima, huma waqqfu artal għall-qima lil Alla kbir mhux magħruf għalihom.
2. Dan Alla li huma kienu jqimu, waqt li stqarrew li huma ma kinux jafuh, kien 'l Alla li Pawlu issa ppropona li jagħmlu magħruf għalihom. Billi huma għarfu l-injoranza tagħhom ta' dan Alla, Pawlu kien se jgħidilhom il-verità Dwaru.

B. Pawlu mill-ewwel ippreżenta l-karattru veru u natura vera ta' dan Alla, li kienu jiddistingwuh minn allat oħra.

1. Dan Alla "*għamel id-dinja u kull ma fiha* (vers 24).
   a. Dan kien aċċettat minn ħafna filosofi, imma dawk ta' l-iskola ta' Aristotle ċaħduh, u żammew li "d-dinja kienet mill-eternità, u kull ma fiha dejjem kien dak li hu issa."
2. Dan Alla "*ma jgħammarx f'tempji magħmula b'idejn il-bnedmin*" (Vers 24).
   a. Tempji mibnija b'idejn il-bnedmin kienu żagħar wisq biex ikun fihom lil dan Alla.
   b. Jekk lanqas it-tempju ta' l-għaġeb ta' Salamun f'Ġerusalem, imwaqqaf għall-qima ta' 'l Alla ta' Iżrael ma kien jesgħu (1 Slaten 8:27); kemm anqas it-tempji sbieħ ta' l-Arjopagu ta' l-Atenin, iddedikati lil allat li ma kienu allat xejn.
   c. Illum il-Kristjani huma t-tempji ta' Alla (ara 1 Korintin 3:16-17; 6:19; Efesin 2:19-22).
3. Dan Alla "*anqas ma jqimuh b'offerti b'idejn il-bnedmin*" (Vers 25).
   a. Dan Alla mhuwiex moqdi b'idejn il-bnedmin qisu jonqsu xi ħaġa li huma kienu jistgħu jissupplixuha Għalih, jaraw li Minnu l-bnedmin jirċievu l-ħajja u n-nifs u l-ħwejjeġ kollha (Vers 25).
4. Dan Alla "*għamel minn demm wieħed il-ġnus kollha tal-bnedmin biex igħammru fuq il-wiċċ kollu ta' l-art*" (Vers 26).
   a. Għalhekk, minflok ma jkun 'l Alla ta' nazzjon wieħed biss li fuqu Hu jipprovdi d-destin, Hu attwalment ħoloq kull nazzjon, għamilhom kollha minn bniedem wieħed.

b. Dan neħħa kull ġustifikazzjoni mmaġinata għat-twemmin li l-Griegi kienu min-nisel superjuri għall-barranin, billi dan neħħa t-talbiet kollha għal superjorità.

C. Mela Alla li għamel id-dinja se jiġġudikaha (Atti 17:30-31).

1. Għalhekk Alla wera li l-ġnus li kienu qegħdin jimxu fl-injoranza kellhom il-ħtieġa għal rivelazzjoni ħalli tagħtihom struzzjonijiet fl-għarfien veru ta' Alla.
2. Aħna m'għandniex naħsbu li Alla qies l-idolatrija bħala innoċenti, jew l-għemil ħażin u l-vizzjijiet li l-idolatrija wasslet għalihom bħala mhux ta' importanza, imma Hu ħalla lil dawk il-ġnus ħalli jgħixu mingħajr ħaqq dirett kontrihom. Imma fit-tmiem tad-dinja l-bnedmin kollha jiġu quddiem il-ħaqq Tiegħu (2 Korintin 5:10).
3. "*U ż-żminijiet ta' din l-injoranza Alla għalaq għajnejh għalihom; iżda issa jordna lill-bnedmin kollha kullimkien biex jindmu*" (Vers 30). Alla qiegħed "jordna" issa. Jiddependi mill-bniedem jekk jobdihx jew le!

## III. QIMA VOLONTARJA – Kolossin 2:22-23

A. "*Li kollha jintemmu bl-użu tagħhom: preċetti u tagħlim tal-bnedmin. Ħwejjeġ li tassew għandhom wiri ta' għerf* ***f'qima volontarja****, u f'umiltà, u f'moħqrija tal-ġisem; iżda li ma jiswew xejn ħlief biex jissodisfaw lill-ġisem*"

1. "Qima volontarja" hija skond ir-rieda tagħna u mhux ta' Alla.
2. Din hija magħżula mill-biedem stess; u *għal din ir-raġuni weħidha* hija tbegħid minn lealtà lejn Alla.
3. Tidher kemm tidher li hija plawsibbli u sabiħa fil-għajn, u tidher kemm tidher li turi "għerf," L-Ispirtu s-Santu kiteb il-bluha u l-vojt tagħha tant ċar li ħadd ħlief dawk li ma jridux jaraw jonqsu milli jarawha.
4. Lealtà lejn il-Kelma ta' Alla teħtieġ ubbidjenza mill-qalb.
5. Dak kollu li Alla jikkmanda, mela, aħna għandna nagħmluh.
6. Li niddubitaw huwa li nіżbaljaw, huwa li nwarrbu l-lealtà tagħna lejn Alla.
7. Li nqiegħdu xi "kmandament tal-bnedmin," u nonorawh bħala kmand ta' Alla, huwa tradiment.

8. Kull kmandament, ukoll l-iżgħar, huwa espressjoni tar-rieda Tiegħu, u inkorporament ta' l-awtorità Tiegħu bħala s-Sultan ta' l-univers.
9. Li tobdi l-kmandamenti tiegħu, li tagħmel ir-rieda Tiegħu, huwa għalhekk, lessenza nfisha ta' qima tassew.

B. "*F'umiltà, u f'moħqrija tal-ġisem; iżda li ma jiswew xejn ħlief biex jissodisfaw lill-ġisem*"
1. Dawn il-ħwejjeġ jistgħu jkollhom wirja ta' umiltà u għerf, sakemm il-qima volontarja u l-umiltà u t-tgħakkis tal-ġisem huma kkonċernati; imma dawn ma huma ta' ebda valur jew siwi, jkun xi jkun, bħala ħarsien kontra xi tentazzjoni reali għal xewqat tal-ġisem.
2. Osservanza axxettika (ħajja ta' l-eremiti) ma tagħmilx persuna safja jew tiddefendiha kontra tentazzjonijiet u xewqat tal-ġisem.

## IV. IL-QIMA VERA – Ġwanni 4:21-24

A. Fil-passat il-qima lil Alla kienet magħluqa biss għall-post lokali.
3. Is-Samaritani kienu jqimu lil Alla "*fuq din il-muntanja*" (vers 21), jiġifieri, il-Muntanja Geriżim.
4. Il-Lhud kienu jqimu lil Alla "*f'Ġerusalem*" (vers 21).

B. Imma issa Alla m'għandux ikun mogħti qima f'post wieħed lokali (vers 23).

C. Alla għandu jkun mogħti qima "*fl-ispirtu u fil-verità*" (vers 24).

Hawn Ġesù juri t-tliet elementi tal-qima tassew:
1. "*Alla*"—l-oġġett xieraq għall-qima tagħna (Mattew 4:10; Rivelazzjoni 22:8-9).
2. "*Fl-ispirtu*"—l-attitudni t-tajba jew motiv tal-qima tagħna.
   a. Il-qima għandha tkun imqanqla mill-motiv it-tajjeb, imġiegħla mill-aktar skop għoli, u b'xewqa profonda li tkun approvata mis-Smewwiet.
3. "*Fil-verità*"—il-mod it-tajjeb biex tagħti qima (Ġwanni 17: 17).

D. Mela, aħna għandna nagħtu qima lil "Alla." Dik il-qima għandha tkun "fl-ispirtu" kif ukoll "fil-verità." Dawn it-tliet elementi kollha għandhom ikunu preżenti fil-qima tagħna llum: Aħna nistgħu nagħmlu t-test fl-atti kollha tal-qima tagħna:
1. Talb.

2. Kant.
3. Predikar.
4. Għotja.
5. L-Ikla tal-Mulej.

- **Atti 2:42** – "*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit talb.*"
- **Atti 20:7** – "*Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq il-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofs-il-lejl.*"
- **Efesin 5:19-20** – "*Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej. Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu.*"
- **Kolossin 3:16** – "Ħalli *l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bil-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd-il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla.*"
- **1 Korintin 16:2** – "*Kull wieħed minnkom, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, iwarrab xi ħaġa u jfaddalha skond ma jista' biex ma jkunx hemm ġbir meta niġi.*"
- **2 Korintin 9:7** – "*Kull wieħed għandu jagħti skond ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.*"
- **Lhud 10:25** – "*Ma ninqatgħux mil-laqgħat tagħna flimkien, kif ħadu d-drawwa jagħmlu xi wħud:* ***agħmlu l-qalb lil xulxin****; u dan wisq aktar għandkom tagħmluh, aktar ma taraw li qiegħed joqrob il-jum.*"

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
Ħdejn il-Junior College
e-mail: info@churchofchristmalta.com